**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 1 ta' Dicembru 2016**

**KawzaNumru : 17**
**RikorsNumru : 666/2015/JPG**

**L-Avukat Stephen Muscat (KI 420772) bhala mandatarju specjali tal-assenti Mindaugas Marcinkevius**

**VS**

**Gintaras Palaima detentur tal-passaport Litwan bin-numru 20803750**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta' Gintaras Palaima, datat 19 ta Gunju 2015, li jaqra hekk:

*Illi fis-sena 2014 saru trattativi bejn il-partijiet Mindaugas Marcinkevius u Gintaras Palaima kif rapprezentati minn avukati f'Amsterdam l-Olanda fir-rigward tad-debitu, mertu ta dan il-mandat, u debiti ohra bejn il-partijiet;*

*Illi permezz tat-trattattivi, l-avukat tar-rikorrenti ippropona fuq skeda ta' pagamenti li permezz taghha Gintaras Palaima jhallas lil Mindaugas pagamenti ta' tnax il-elf euro fix-*

*xahar sabiex u sakemm jaqta d-dejn kollu li ghandu. (ara email datata 17 ta‘ Lulju 2014, bl-anness traduzzjoni ghall-Ingliz u mmarkata bhala Dok A u email tat-trattativi hawn annessa Dok B).*

*Illi fl-istess risposta tar-rikorrenti, l-avukat tieghu ippropona illi sakemm il-pagamenti jsiru il-kreditur ma jiehu l-ebda azzjonijiet legali kontra r-rikorrent: "If and in so far my client keeps to this payment schedule you client shall not…Nor shall they instigate any other legal courses of action (including seizure under warrant of execution").*

*Illi permezz ta' ittra minghuta minghand l-avukat tieghu (hawn annessa bit-traduzzjoni ghall-ingliz u mmarkata bhala Dok C) il-kreditur accetta l-proposta tar-rikorrent, u li l-pagamenti jithallsu fil-third party account tal-avukat.*

*Illi wara li saru l-ewwel ftit pagamenti, il-partijiet kif rapprezentat iftehmu li d-data tal-pagament titbiddel u ssir fid-29 ta' kull xahar minflok il-15 ta' kull xhar. L-avukat tar-rikorenti ikkonferma dan b'ittra datata 26 ta' Mejju 2015 hawn annessa bhala Dok D.*

*Illi il-pagamenti qedghin jsiru skonti l-ftehim (ara bank statement hawn annessa u mmarkata Dok E)*

*Illi nonostante dan il-ftehim, fl-21 ta' Awissu 2014 l-Avukat Stephen Muscat (KI420772) bhala mandatarju specjali tal-asseni Mindaugas Marcinkevius ipprezenta l-mandat ta' Qbid ezekuttiv li fl-atti tieghu qed issir dan ir-rikors (1277/14JM)*

*Illi permezz ta' ittra legali datata 21 ta' Frar 2015 ir-rikorrent sejjah lill-istess Avukat Stephen Muscat (KI420772) bhala mandatarju specjali tal-assenti Mindaugas Marcinkevius sabiex johrog kontro-mandat ghall-istess mandat. (ara kopja hawn annessa u mmarkata Doc F).*

*Ill, l-Avv. Stephen Muscat noe permess ta' ittra datata 13 ta' Marzu 2015 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok G) sostna illi m'hemmx ftehim li l-azzjonijiet jigu irtirati izda, li, fi kliemu: "As a matter of fact, the parties agreed that once Palaima starts paying according to the agreed terms, the bankruptcy proceedings started in the Netherlands will be postponed (and I am informed that they were) and* ***in general no further legal action is to be taken***

***(including of course the judicial sale by auction of the shares in question”).*** *Il-mandat ta' qbid ezekuttiv inhareg WARA il-ftehim u allura, skond l-ittra tieghu stess, bi ksur tal-ftehim u Ghalhekk qatt ma kellu jigi pprezentat.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-avukat Muscat noe, fl-istess ittra kompla jghid “I will not proceed with the judicial sale by auction”.*

*Illi permezz ta' digriet tad-29 ta' Awissu 2014 dina l-Onorabbli Qorti, inter alia ordna l-bejgh fl-irkant bil-qorti ta' dawk l-oggetti maqbuda u elevati fil-jum stabbilit u dan minghajr il-bzonn ta' notifika ohra lid-debitur, u dan fit-termini u taht il-kundizzjonijiet indikati fl-imsemmi artikolu 285 tal-Kap. 12.*

*Illi jekk il-bejgh fl-irkant bil-qorti jsehh, r-rikorrent jbati hsarati rrevokabbli.*

*Ghal dawn ir-ragunijet ir-rikorrenti umilemt jitlob lil-dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*(1) Tghaddi biex tiddeciedi li il-prezentazzjoni tal-Mandat ta' Qbid ezekuttiv numru 1277/2014 kien bi ksur tal-ftehim bejn il-partijiet;*

*(2) Tordna il-hrug ta' kontro mandat ghal Mandat ta' Qbid ezekuttiv 1277/2014;*

*(3) Fin-nuqqas li tilqa l-ewwel zewg talbiet tar-rikorenti, tirrevoka d-digriet taghha tad-29 t'Awissu 2015*

*U dan taht dawk il-provedimenti kollha li jidrilha xierqa.*

Rat illi l-esekutant, minkejja li gie debitament notifikat, ma prezentax risposta;

Rat il-verbal tat-13 ta Lulju 2015 li bih l-avukati difernsuri tal-partijiet estendew it-termini legali bil-ghan ghal transazzjoni, (vide fol 79).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet

**Ikkonsidrat;**

Fis-seduta tal-21 ta‘ Novembru 2016 il-partijiet prezentaw *seduta stante* nota kongunta, permezz ta’ liema l-partijiet, u dan b’riserva da parti ta’ Palaima illi jekk ikun il-kaz jerga jitlob lil Qorti sabiex tiddeciedi fuq l-ewwel zewg talbiet, u b’riserva ghad-dritt tal-esekutant noe biex jerga jibda l-proceduri ghal-bejgh bin-notifiki kollha skont il-ligi, f’kaz li l-pagamenti ma jiqbghux isiru, talbu lil Qorti sabiex ma tiehux konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tieni talbiet, u tilqa‘ t-talba numru tlieta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta‘ u tiddeciedi billi filwaqt li tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti, tilqa‘ t-tielet talba u tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha ta-29 t’Awissu 2015.

Bl-ispejjez a karigu tal-Avukat Stephen Muscat noe.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**DeputatRegistratur**